DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 90/177/Euratom, KEE li tawtorizza lill-Belġju biex ma jikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex juża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2014) 8921)

(It-testi bl-Olandiż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)

(2014/840/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 371 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), il-Belġju jista' jkompli jeżenta t-transazzjonijiet imsemmija fl-Anness X, il-Parti B ta' dik id-Direttiva, jekk huwa kien qed jagħti eżenzjoni lil dawk it-tranżazzjonijiet fl-1 ta' Jannar 1978; dawk it-tranżazzjonijiet iridu jiġu kkunsidrati biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT.

(2) Fir-risposta tagħha tad-29 ta' April 2014 għall-ittra tal-14 ta' Frar 2014 tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni ta' spezzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-VAT ([3]), il-Belġju talab awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex juża perċentwali fissa tal-bażi intermedja għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 9 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE għas-snin finanzjarji 2014 sa 2020. Il-Belġju wera li l-perċentwali storika baqgħet stabbli maż-żmien. Il-Belġju għandu għalhekk jingħata awtorizzazzjoni biex jikkalkula l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT billi juża persentaġġ fiss skont l-ittra mibgħuta mill-Kummissjoni.

(3) Għall-finijiet ta' trasparenza u ċertezza ġuridika, hu xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għall-applikabilità tal-awtorizzazzjoni.

(4) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/177/Euratom, KEE ([4]) kif meħtieġ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 90/177/Euratom, KEE jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"*Artikolu 2a*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(4) ta' din id-Deċiżjoni, għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Belġju huwa awtorizzat li juża 0.21 % tal-bażi intermedja fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imsemmija f'punt 9 ta' Anness X, Parti B, (bini u art għall-bini) għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (*).

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)."

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([3]) Ares(2014)370476.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/177/Euratom, KEE tat-23 ta' Marzu 1990 li tawtorizza lill-Belġju biex ma jikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex juża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 99, 19.4.1990, p. 24).

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Kristalina GEORGIEVA
Viċi President